SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 42**

**IL-ĦAMIS 25 ta' OTTUBRU 2010 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.30P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOE BONELLO | VIĊI SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

**SKUŻATI**

| | |
|---|---|
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 41 ġew approvati kif emmendati. Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Sindku ssekondat.

2. Il-Kunsillier Fenech ippropona li l-laqgħa tiġi sospiża għal ftit mumenti sabiex il-Perit tal-Kunsill jispjega dwar il-pjanti tal-proġett tal-clubhouse u t-Tennis Court fi Triq il-Ħemel. Ħin 5.35p.m.

3. "*Il-Perit tal-Kunsill spjega dwar il-pjanti tal-proġett li hu ħejja. Il-Kunsill ġie nfurmat li minn stima ta' €230,000 tal-proġett kollu li jinkludu wkoll il-kostruzzjoni tal-bini tas-sular ta' fuq, il-MEPA ser tħallas biss €56,000, dan minħabba li l-iskema UIF ma tagħmilx tajjeb għall-i spejjes ta' kostruzzjoni. Il-Perit talab lill-Kunsill jiddeċiedi dwar jekk issirx l-applikazzjoni lill-MEPA.*

*Il-Perit ta' informazzjoni wkoll dwar it-toroq tal-Madliena. Hu nforma li x-xogħol miexi b' ritmu tajjeb u dalwaqt ser jinksew bit-tarmak l-ewwel sitt toroq..*"

*Il-laqgħa bdiet fis-6.40p.m.*

*Il-Kunsillier G. Shephard talab biex jiġi skużat. Ħin 6.45p.m.*

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**<u>Mill-Kunsillier Mario Fava</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta għaż-żewġ reminders li kienu intbagħtu dwar il-bini ta' ħitan tas-sejjieħ fil-Madliena u l-espropjazzjoni ta' biċċa art żgħira fil-parti ta' fuq ta' Triq is-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx risposta.

**2.** Il-Kunsillier staqsa jekk il-Kunsill kienx involut fl-ispejjes tax-xogħlijiet ta' culverts li saru fi Triq id-Dris. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill ma kienx involut.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku staqsiet jekk din is-Sena l-Kunsill huwiex ser iżejjen it-toroq bid-dawl għal festi tal-Milied. Ġie deċiż li jsiru bħas-snin ta' qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jippublika l-offerti. Il-Kunsill ġie nfurmat wkoll li ser tiġi ppublikata l-offerta għar-rapport tal-Patt tas-Sindki (SEAP).

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa ma' l-ispettur Trevor Micallef mid-distrett ta' San Ġiljan. Fil-laqgħa ġew diskussi l-miżuri ta' sigurta' li ser jittieħdu dwar l-attivita' Haloween f' iljieli ta' 30 u 31/10/2010.

3. Is-Sindku nfurmat li kellha kommunikazzjoni mas-Sur Ian Wurth dwar il-possibilta' ta' kiri ta' Tennis Court. Il-Kunsill ideċieda li ssir laqgħa ma din il-persuna meta jitlesta l-proġett.

Attivita' Community Chest Fund

4. Il-Kunsill ġie nfurmat li tqassmu madwar 40 money boxes lill-ħwienet tal-lokalita'. Dawn ser jinġabru 15 il gurnata qabel il-Milied. Il-fondi li ser jiġu ppreżentati mis-Sindku fl-attivita' li ser issir apposta.

5. Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sindku kellha laqgħa ma' Athleta Basket Ball dwar il-posibilta' ta' post addattat fejn dawn ikunu jistgħu jagħmlu l-laqgħat tagħhom.

6. Is-Sindku talbet biex issir l-applikazzjoni għal tlett bozzoz fuq arbli li jiġu nstallat fin-naħat ta' isfel tas-Swieqi fil-viċinanza tal-Wied. Stima ppreentata €2370.00. Il-Kunbsill qabel li dan id-dawl għandu jiġi nstallat mill-aktar fis.

7. Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sindku kellha kommunikazzjoni mal-Ministru Gatt dwar ir-reinstatement tal-culverts fi Triq it-Tiben, Triq il-Gejza u fit-toroq oħra li l-Kunsill kien talab biex isiru l-istess xogħlijiet.

8. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-istima għal xogħlijiet ta' resurfacing ta' Triq il-Qasam hija ta' €165,000 li tinkludu wkoll xogħlijiet ta' bankini. Il-Kunsilli ideċieda li jiddiskuti dwar dawn ix-xogħlijiet meta jiġi ppreżentat ir-rapport finanzjarju sa l-aħħar tas-Sena.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli.........................)

9. Is-Sindku qrat korrispondenza mingħand id-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-kiri ta' faċilitajiet barra l-lokalita' tas-Swieqi. Il-Kunsill wieġeb kif ġej:
    a. Lokalita' waħda
    b. IVA
    c. Swieqi United Football Club
    d. Iva, Il-Kunsillier Fenech
    e. Le minħabba nuqqas ta' faċilitajiet fil-viċinanza.
    f. IVA 2000 euros

Ittra annessa ma' dawn il-minuti.

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**Mill-Viċi Sindku Joe Bonello**

1. Il-Viċi Sindku staqsa l-possibilta' li tiġi rifreskata l-junction box ta' quddiem il-Greens fi Triq l-Ibrag. Il-Kunsill qabel.

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi konfrma mit-Transport Malta dwar il-pelikan lights ta' quddiem il-lukanda Halland fi Triq ta' l-Ibrag. Is-Segretarju wieġeb li għad ma waslitx risposta pero' għandu informazzjoni li din il-materja qegħda għall-attenzjoni tal-bord.

2. Il-Kunsill staqsa jekk kienx ġie deċiż li ser titneħħa il-funtana ż-żgħira fi Triq il-Madliena fil-viċinanza ta' Torre Paulina. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma għandu l-ebda konferma dwar dan.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx il-laqgħa mall-Ministru Pulliċino dwar il-proġett ta' Triq il-Keffa. Is-Sindku wieġeb li din għad ma saritx.

4. Il-Kunsillier staqsa biex jiġi rifreskati s-sinjali tat-traffiku fi Triq l-Ispiera. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn ix-xogħlijiet.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

**V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli.....................)**

**Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier kellu kuntatti ma' sid il-Villa li quddiemha mibnija il-funtanta tal-Madliena. Is-Sid informa li l-funtana qatt ma ħadmet peress li l-pompa li ttela' l-ilma ġiet installata ħażin kif ukoll li din hija żgħira għall-ammont ta' ilma li trid itella'.

2. Il-Kunsillier informa li Triq Fomm il-Għeliem kollha mingħajr dawl.

3. Dwar it-Tennis Court il-Kunsillier informa li hu jaqbel li x-xogħlijiet għandhom jibdew mill-aktar fis. Il-Kunsillier Fava ssuġġerixxa li l-grawnd jista' jintuża wkoll għal futball bħala 5 a side bi ħlas. Il-Kunsillier Fenech qabel mall-proposta pero' mhux qabel ma jsir business plan u noise pollution assessment.

4. Il-Kunsillier informa dwar il-laqgħa li kellu mas-Supretendent Gatt u l-Assistent Kummissarju Raymond Zammit dwar il-problemi li kien hawn dan is-sajf mill-istudenti barranin. Il-Kunsillier informa li dawn l-uffiċċjali għamlu d-doveri tagħhom sewwa, kien hemm drabi meta hu kien preżenti waqt li dawn jiġu fuq il-post wara li jsiru xi rapporti ta' storbju mingħand xi residenti fil-ħinijiet tal-lejl. L-Assistent Kummissarju issuġġerixxa li qabel l-istaġun li ġej ssir laqgħa mall-host families u mas-sidien tal-lukandi biex jiġi spjegat lilhom ir-risponsabilitajiet tagħhom u sabiex iwwsu li l-istudenti biex dan iżommu l-kwiet u l-ordni.

5. Il-Kunsillier informa wkoll li kellu laqgħa mas-Sur Mark Scerri Simiana dwar il-possiblita' lis-Swieqi jiġi inkluż bħala Tourist Zone. Dan issuġġerixxa li għandha issir by law bħalma ma sar fl-lokalitajiet oħra. Is-Sur Scerri Simiana għandu jerġa jiġi l-Kunsill biex jispjega aktar fid-dettal. Il-Kunsill unanimament qabel li s-Swieqi għandu jkun inkluż fit-Tourist Zone.

**Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier informa li kien bagħat lill-Kunsill rappport iddettaljat ta' xi miżuri għandhom jittieħdu mill-Pulizija fil-lejl ta' l-attivita' Haloween. Il-Kunsillier ġie nfurmat li dan ir-rapport ingħata lill-iSpettur Micallef waqt il-laqgħa li kienet saret miegħu dwar is-suġġett. Il-Kunsillier talab wkoll biex fil-lejl tal-ġimgħa u s-Sibt jinxtegħlu l-floodlights tat-Tennis Court. Dan biex jitnaqqsu l-abbużi fil-ġnien.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

**V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli.....................)**

**Kunsillier Alfred Curmi**

2. Il-Kunsillier staqsa biex tinqala' t-tabella installata ħdejn l-iskips ta' Triq il-Ġiżimin minħabba li din tikkonċerna aktar lil bring-in-sites u mhux l-iskips li hemm f'din it-Triq.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk hemmx xi indikazzjoni ta' meta ser issir ir-replacement tal-ħaddiem ta' l-IPSL li ser jirtira fl-aħħar ta' Ottubru. Is-Sindku wieġeb li għad ma hemmx indikazzjoni.

4. Il-Kunsillier informa li l-Kumpanijia 3D mhux qed iqassmu l-posta lir-residenti ta' Triq Villa Rosa u ssuġerixxa li lil dawn għandhom jingħatawlhom pjanti ġodda li jinkludu din it-Triq.

5. Il-Kunsillier informa li d-deadline tar-rapporti għal pubblikazzjoni fil-magazin għadda pero' jekk xi kunsillier iħoss li għandu jinkludi xi artiklu għandu ċans sa l-aħħar tax-xahar t'Ottubru.

6. Il-Kunsillier staqsa jekk inkitbitx l-ittra lit-Transport Malta dwar l-installar ta' barrier fi Triq is-Sidra kantuniera ma Triq is-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din l-ittra inkitbet pero' għad ma waslitx risposta.

7. Il-Kunsillier staqsa dwar meta l-accountant tal-Kunsill ser jippreżenta l-accounts ta' l-aħħar ta' Settembru. Hu ssuġġerixxa wkoll li dawn għandhom jiġi emailed lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa li jmiss.

8. Il-Kunsillier irrimarka dwar id-dewmin fix-xogħlijiet ta' tiswijja ta' dawl. Il-Kunsillier ġibed għall-attenzjoni d-dewmin mit-works orders għat-tiswijiet u anki għall-kontjiet. Il-Kunsillier irrimarka li jekk dan jibqa jiġi irripetut dan il-Kuntrattur ma għandhux jitħallas. Hu rrikomanda wkoll li għandha tintbagħat ittra dwar dan il-kuntrattur responsabbli.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ġie avviċinat minn rappreżentat ta' HSBC dwar il-possiblita' ta' attivita' ta' jumejn fit-Triq it-Tiben, il-Ħamis u l-Ġimgħa mis-6.00p.m. sa l-10.00p.m. Il-Kunsill approva basta dawn ikollhom il-preżenza ta' wardens biex jidderiġu t-traffiku.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra mingħand resident dwar il-possiblta' ta' traffic calmers fit-Triq Santu Wistin. Il-Kunsill talab biex tintalab l-approvazzjoni tat-Transport Malta.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li minħabba li s-Sur Daniel Falzon ma għadux imppjegat mall-Kunsill u fis-sibtijiet qed tkun preżenti biss l-impjegata waħda s-Sinjura Tania Randisi. L-impjegata Charmaine Dowling qed tirrifjuta li taħdem is-sibtijiet minħabba impenji tagħha personali. Is-Sindku irrimarkat li meta hi ġiet il-Kunsill qatt ma kien hawn xogħol ta' tnejn min-nies. L-istess irrimarka il-Kunsillier Alfred Curmi. Il-Kunsill approva li s-sibt ikun biss impjegata waħda.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-imsemmija kwotazzjonijiet.
   a. 3 antenni fuq arblu ġodda fil-parti ta' isfel ta' Triq il-Qasam - €2370. Il-Kunsill approva.
   b. Mappa tal-lokalita' mill-MEPA li tinkludu il-Hamlet tal-Madliena fuq CD €463.05. Il-Kunsill approva.
   c. Programm ta' dawl fil-lokalita'. Dan jindika il-post eżatt ta' kull bozza inwaħħla kif ukoll rapport ta' ħsarat li jiġi rrapurtati lill-Kuntrattur. Il-Kunsill ideċieda li dan ir-rapport ma jiġux ordnat għalissa.

## VI APPROVAZZJONI TA' XIRI U PAGAMENTI

1. Il-pagamenti kollha li kienu dehru fuq l-iskeda tal-pagamenti ġew approvati. Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Kunsillier Curmi ssekonda.

Il-laqgħa spiċċat fis-9.15p.m. Sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru 2010 fil-5.30p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**